MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru 736/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**GEORGE VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Vassallo, ta’ 36 sena, bin Paul Vassallo u Maryanne nee’ Mifsud, imwieled nhar it-8 ta’ Frar 1972 fil-Pieta’, detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 92072(M) u joqghod 103, Triq ir-Rifugjati tal-Gwerra, Mosta gie akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Awwissu 2008 ghall-habta ta' 0500pm gewwa l-fond 103, Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta li jikkaguna ferita gravissima, bi strument li jaqta' jew iniggez, fuq il-persuna ta' huh Rodrick Vassallo, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volonta ta' George Vassallo u dan ai terminu tal-artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' huh Rodrick Vassallo, skond kif iccertifikat Dr Lynn Grech Med Reg 5135 u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-huh Rodrick Vassallo sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu l-hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded bil-kliem lil istess huh Rokrick Vassallo u dan ai terminu tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kien fil-pussess u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Il-Qorti giet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta ta' Rodrick Vassallo u tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittma skond artikolu 412C tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li f'kaz ta' htija torbot lill-akkuzat b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' somma flus li tigi iffissata kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1), (2), (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PEC1 u nnutat li l-imputat George Vassallo m'ghandux

oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008 ix-xhud Roderick Vassallo, inter alia, xehed illi:
"Nghid li jiena nigi hu l-imputat." "…………………." "Nghid illi jiena lil hija qieghed nahfirlu u qieghed nirrinunzja ghal azzjoni Kriminali fil-konfront ta' hija kull fejn hu rinunzjabbli." (sottolinjar tal-Qorti).

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma Roderick Vassallo fil-konfront tal-imputat.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' ta' Roderick Vassallo u tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-vittma skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, talab li l-Qorti tapplika biss dak previst fl-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 41, 214, 216(1)(a)(b) u 217 tal-Kap. 9 u l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Vassallo, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1) akkuza u tal-hames (5) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt

li l-vittma Roderick Vassallo hafer lil huh u irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' huh kull fejn hu rinunzjabbli (ara brani mid-deposizzjoni ta' Roderick Vassallo kif riportati aktar qabel f'din is-Sentenza) u illi fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma Roderick Vassallo fil-konfront tal-imputat, tillibera lill-istess imputat George Vassallo taht il- Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien  tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat George Vassallo ghall-piena ta' mija u sbatax il-Euro (Euro 117) multa.

Rigward l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3) u erba' (4) tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja tal-parte civile Roderick Vassallo.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat George Vassallo b'obbligazzjoni personali ta' tmin mitt Euro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma' Roderick Vassallo ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat George Vassallo l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrakomanda lill-Awtoritajiet koncernati li l-imputat George Vassallo ma jitlifx l-impjieg odjern tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------